Written by WebSite Administrator
Sunday, 29 June 2014 08:19 - Last Updated Friday, 04 July 2014 08:12

# Tielet Jum ta Tridu

Il-Gimgha kien proprju it-tielet jum tat-Tridu, u b'dan kollu qeghdin dejjem noqorbu ghall-ahhar gurnata tal-festa; il-jum tal-Hadd – Jum San Gorg minbarra il-gurnata tas-Sibt li hija lejliet din il-festa grandjuza gewwa Hal-Qormi. Bhas-soltu il-programm tan-nar beda mat-tokki tat-tmienja u kompla f'nofsinhar bi hruq ta' murtaletti. Biex imbaghad fl-10:00 ta' bil-lejl kien hemm il-hruq ta' beraq, blalen, sfejjer, murtali tal-kulur u kaxxa tal-kulur.

F'nofsillejl fit-triq tal-Vittorja kien hemm il-hruq tan-nar tal-art.

Mil-lat l-iehor, il-funzjonijiet religjuzi komplew u fis-6.00pm fil-Knisja ArciMatrici sar kollox bhall-jiem ta' qabel – quddiesa bl-Ghasir iccelebrata mill-Ar?ipriet. Priedka tat-Tridu, Kurunella, Innu, Antifona u Barka Sagramentali. Mal-Barka

? sar? ?ruq ta' murtaletti.
Ezatt wara il-funzjoni beda l-marc mill-Banda San Gorg Martri minn Pjazza Frederick Maempel u spicca fl-inhawi tal-Vittorja. Sadanitant, fit 8:15pm beda l-programm Muzikali fuq il-plancier quddiem il-Kazin Banda Anici. Wara l-marc mill-istess banda dar l-inhawi tal-Vitorja u spicca quddiem is-sede tal-Kazin Banda Anici ?.?